MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru. 885/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**KONTRA**

**JOSEPH CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Cachia ta' 49 sena, bin Carmelo u Antonia nee' Polidano, mwieled Birzebbugia nhar l- 14 ta' Jannar 1959, u residenti fil- fond 106, Marjoe, Triq San Frangisk Saverju, Birzebbugia, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 56959(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fil- 11 ta’ Lulju 2008 ghall- habta ta’ bejn is-07.30am u 10.30am gewwa No. 15, Sqaq No. 2, Triq San Gwann, Siggiewi dahal gewwa l- imsemmija residenza privata permezz ta’ skalata, fejn mic- cirkostanzi deher il-hsieb li kien se jaghmel hsara lil propjeta’.

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fl- imsemmija residenza a detriment ta’ Christopher Baldacchino, liema hsara teccedi l- elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69)

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-hsara volontarja imwettqa mill-imputat ma kienetx teccedi l-ammont indikat fit-tahrika, u dan hekk kif gie stabbilit mill-Perit Richard Aquilina, espert tekniku tal-Qorti kif mahtur fl-istadju tal-inkjesta;

Rat illi in vista ta’ din id-dikjarazzjoni tal-espert tal-Qorti, l-imputazzjoni kontra l-imputat tinkwadra ruhha fir-reat addebitat fl-Artikolu 325(1)(b), u l-imputat irregistra ammissjoni ghal din l-imputazzjoni kif ikkjarifikata;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni f’din il-kawza wara li giet iccarata mill-Prosekuzzjoni, bl-ghinuna tal-espert tal-Qorti, il-Perit Richard Aquilina, li l-hsara li wettaq l-imputat ma

kienetx teccedi l-elf, mija u hamsa w sittin Ewro. Il-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti. L-imputat kien gie mqabbad minn Christopher Baldacchino jaghmel xi xoghol ta’ bini u kostruzzjoni fil-fond proprjeta’ ta’ Baldacchino. Wara li l-imputat kien talab xi hlas ghax-xoghol tieghu u baqa’ ma thallasx, dan qabad u dahal fil-proprjeta’ fejn hadem u kisser ix-xoghol li ghamel hu stess. B’hekk dahal fi proprjeta’ privata u ghamel il-hsara volontarja kif indikata fl-imputazzjoni. Il-Qorti tikkundanna dan l-agir tal-imputat bl-aktar mod assolut u minghajr ebda riserva. Alla hares kull min ghandu jithallas ta’ xogholu jaqbad u jidhol fi hwejjeg haddiehor u jkisser dik il-proprjeta’. Di fatti l-imputat deher li fehem il-gravita’ ta’ dan l-eghmil tieghu, u wera li ddispjacih ta’ li ghamel. Il-Qorti tifhem li ghad hemm pendenzi civili bejn l-imputat u l-parte civile, izda dawn ma setghux jigu determinati minn din il-Qorti, u ghalhekk il-partijiet ser ikollhom jistitwixxu proceduri civili biex dawn jigu risolti bejniethom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Din il- Qorti wara li rat l- Artikoli 340(d) u 325 (1) (b) fuq ammissjoni qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------